MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1197/1992/1

**Stefan Fenech**

**vs**

**George Refalo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fis-7 ta' Awissu 1992 waqt li l-istanti kien isuq il-vettura V-7677 go Naxxar Road, Balzan hu kien involut f' incident awtomobilistiku ma-truck F-7502 u safa mwegga oltre li l-vettura li kien qed isuq sofriet danni konsiderevoli. It-truck F-7502 kienet tinsaq minn George Refalo;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, traskuragni, imperizja u inosservanza tar-regolamenti – izda qed jichad responsabilta’ ghall-incident;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:-

Tiddikjarah responsabbli ghall-incident insemmi ghar-ragunijiet imsemmija u ghad-danni kollha li garrab l-istanti b’rizultat tal-istess;

Tillikwida l-istess danni occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont kollu dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez, komprizi Lm2 tal-ittra interpellatorja tad-29 ta’ Awwissu 1992, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali lil Richard Micallef noe ai termini tal-Kap 104 tal-ligijiet ta’ Malta – kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. L-ittra ufficjali qed tigi ipprezentata flimkien ma din ic-citazzjoni;
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-guram,ent u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti l-esponent;

Illi jsegwi li t-tieni talba ghandha tigi wkoll michuda billi m’hemm ebda danni tal-attur x’ jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent;

Illi jsegwi minn dan li, riferibilment ghat-tielet talba, m’hemm ebda somma li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur;

Illi l-esponenti jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni attrici biex jaghmel il-kontro-talba tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontrotalba tal-konvenut fejn gie premess :-

Peress illi fis-7 ta’ Awissu 1992 waqt li kien qed isuq it-Truck Leyland F 7502 f’Naxxar Road, Balzan u qaleb biex jidhol f’St. Michael Street kien involut f’incident awtomobilistiku mal-vettura V 7677 misjuqa mill-attur Stefan Fenech li ssorpassa karozza li kienet wieqfa biex thalli lill-konvenut jidhol f’St. Michael Street u kkawzalu danni konsiderevoli;

Peress illi ghal dan l-incident kien jahti unikament l-attur minhabba imprudenza, traskuargni, imperizia u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tal-istess attur;

Peress illi l-konvenut in konsegwenza ta’ l-istess incident sofra wkoll telf ta’ xoghol;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjarah responsabbli ghall-incident u ghad-danni kollha li sofra l-konvenut bhala konsegwenza tal-incident;

Tillikwida l-istess danni sofferti mill-konvenut, ocorrendo permess ta’ perit nominandi;

Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont kollu hekk likwidati bhala dovut in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontrotalba fejn gie eccepit illi ghall-incident tat-traffiku tas-7 ta’ Awissu 1992 bejn il-vettura V 7677 misjuqa mill-attur u F 7502 misjuqa mill-konvenut, kien jahti biss l-konvenut. L-incident sehh go Naxxar Road Balzan. B’ hekk l-ewwel talba ghanda tigi michuda stante li ghall-incident ma kienx jahti l-attur. Illi jsegwi li t-tieni talba ghanda tigi wkoll michuda billi m’ hemm l-ebda danni x’ jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent. Illi jsegwi li rigwardanti t-tielet talba m’ hemm ebda somma li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament prsjeduta) tad-29 ta’ Marzu 1993 li bih gie nominat l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre bhala perit legali bil-fakoltajiet soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-12 ta’ Ottubru 1998 li bih gie nominat it-Tabib Kirurgu Mr. Charles Grixti MD FRCS biex jassisti lill-perit legali u jirrelata dwar id-disabilita permanenti li seta sofra l-attur bhala konsegwenza tal-incident in kwestjoni;

Rat ir-rapport tal-espert mediku li gie debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-22 ta’ Frar 2001;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur in segwitu ghar-rapport tal-Perit Legali;

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikonsidrat:

Jirrizulta li fis-7 ta' Awissu 1992 sehh incident stradali go Naxxar Road Balzan. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni V-7677 tal-marka Nissan u l-konvenut li kien qed isuq Leyland Truck bin-numru ta' registrazzjoni F-7502. L-attur kien gej mid-direzzjoni tal-Mosta. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta' Birkirkara biex jidhol go Triq San Mikiel fid-direzzjoni lejn in-Naxxar. L-incident gara quddiem ix-showroom ta' Hal Mann;

L-attur jippremetti li huwa wegga bhala konsegwenza ta' dan l-incident oltre li l-vettura li kien qed isuq sofriet danni konsiderevoli. L-attur jippremetti li l-konvenut hu responsabbli ghall-istess incident u danni konsegwenzjali u ghalhekk qed jitlob li tigi dikjarata din ir-responsabilita tal-konvenut, li jigu likwidati d-danni kollha sofferti minnu u li konsegwenement il-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut jeccepixxi li huwa ma kienx jahti ghall-incident in kwestjoni u pprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici biex ghamel kontro-talba. Fil-kontro-talba l-konvenut jippremetti li hu kien qed isuq f'Naxxar Road, Balzan u qaleb biex jidhol f'St. Michael Street meta sehh l-incident

in kwestjoni mal-vettura misjuqa mill-attur li ssorpassa karozza li kienet wieqfa biex thalli lill-konvenut jidhol f'St. Michael Street. Il-konvenut jippremetti ukoll li b'dan l-incident gew kawzati lilu danni konsiderevoli inkluz telf ta' xoghol. Peress illi ghal dan l-incident jahti unikament l-attur, il-konvenut talab li l-attur jigi dikjarat responsabbli ghall-incident u ghad-danni kollha li sofra l-konvenut, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-attur jigi kkundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-Qorti esaminat bi-reqqa r-rapport tal-espert mediku u r-relazzjoni tal-perit legali. Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li saru u mal-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-esperti gudizzjarji. Ghalhekk dawn qed jigu adottatl u l-Qorti tghamilhom taghha;

L-espert mediku kkonkluda li l-attur sofra disabilita permanenti ta' wiehed fil-mija (1%);

L-espert legali kkonkluda li kien jinkombi fuq l-konvenut, li kien qieghed jaqsam triq principali biex jidhol go wahda sekondarja, li jaghti d-dritta lit-traffiku li kien gej mill-faccata fuq il-main road u kien fid-dover ta' attenzjoni massima qabel jittanta jaqsam triq principali. Il-manuvra li ghamel il-konvenut kienet timponi fuqu l-obbligi kollha ta' sewwieq li jkunu hiereg minn side road. Huwa ghalhekk kellu l-obbligu illi qabel ma jaghmel din il-manuvra jieqaf, jesplora t-triq u meta jaccerta ruhu li mhux gej traffiku jipprocedi b'kawtela kbira. Il-kumpless tal-provi prodotti jindikaw li l-konvenut ma kienx diligenti bizzejjed u naqas li jzomm "a proper look-out" u ha riskju li sewwieq prudenti ma jiehux. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

L-espert legali kkonkluda ukoll li mill-hsarat li sofriet il-vettura tal-attur jidher li l-istess attur kien ghaddej

b'velocita' aktar milli jmissu tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li fihom kien jinsab l-attur. Dan ghandu jitqies bhala fattur li jaddebita responsabbilta u kontributorjeta ghall-incident in kwestjoni. Hemm indikazzjonijiet li l-velocita' tal-attur kienet ferm aktar minn dak li qal l-attur stess. Konsegwentement l-attur ma kellux kontroll assolut tal-vettura u dana anke in vista tal-fatt li jirrizulta li l-attur kien hiereg minn liwja;

Il-perit legali ssottometta li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-attur ikkontribwixxa ghall-incident u ghandu jbati kwart (1/4) mit-tort tal-kollizjoni waqt li l-konvenut ghandu jbati tlett kwarti (3/4) mit-tort tal-kollizjoni;

Il-perit legali llikwida d-danni li sofra l-attur bhala damnum emergens fis-somma totali ta' ebat elef seba mija u wiehed u hamsin liri maltin u tmenin centezmu (Lm4751.80) u cioe' in kwantu ghal Lm4650 bhala il-valur tal-karozza bi-tnaqqis tar-wreck value, Lm36 f'kontijiet medici, Lm15 kont ta' towing, Lm35.80 kont ta nuccali u Lm15 valur tal-qmis u shorts tal-attur. Bhala lucrum cessans giet likwidata s-somma ta' Lm1263.50. F'dan ir-rigward gie kalkolat id-dhul tal-attur fuq bazi ta' Lm3800 fis-sena, b'multiplier ta' 35 sena u disabilita permanenti ta' 1%.  Tnaqset 5% ghal lump sum payment;

Ghalhekk it-total tad-danni li sofra l-attur jammonta ghas-somma ta' Lm6015.30 (Lm4751.80 + Lm1263.50);

Id-danni li sofra l-kovenut konsistenti f'dak li nefaq l-istess konvenut biex irranga t-truck tieghu gew likwidati fis-somma ta' Lm411.20. Bhala telf ta' xoghol giet likwidata s-somma ta' Lm164.70. B'kollox ghalhekk Lm575.90;

Peress illi l-konvenut ghandu jbati ¾ mit-tort tal-kollizjoni u l-attur ghandu jbati ¼ mit-tort tal-kollizzjoni, l-attur huwa ntitolat jircievi minghand l-konvenut is-somma ta' Lm4511.47 (¾ ta' Lm6014.30) u ghandu jhallas lill-konvenut Lm143.97 (¼ ta' Lm575.90) u b'hekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm4367.50 (Lm4511.47 – Lm143.97 = Lm4367.50);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici u dwar il-kontro-talba tal-konvenut billi tiddikjara li r-responsabilita' tal-incident stradali in kwestjoni kienet kwantu ghall tlett kwarti (3/4) attribwibbli lill-konvenut u r-rimanenti kwart (1/4) lill-attur; tillikwida a basi tal-premess id-danni dovuti mill-konvenut lill-attur fis-somma ta erbat elef tlett mija u seba u sittin liri maltin u hamsin centezmu (Lm4367.50) u tikkundanna l-konvenut ihallas l-istess somma ta' Lm4367.50 lill-attur in linea ta' danni;

Spejjez kwantu ghal ¾ jithallsu mill-konvenut u kwantu ghar-rimanenti kwart jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------